# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 547/2015

**Il-Pulizija**

**vs**

**Tarquin Vella**

Seduta tas-27 t'April, 2017

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant, Tarquin Vella, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 405690M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fix-xahar ta' Gunju, 2015 f'dawn il-Gzejjer, naqas milli jaghti lil Roxanne Brignione is-somma ffissata minn dik il-Qorti stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghal uliedu fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skond l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas is-somma skond Kap 9 tal-Art. 338 (z).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-4 ta' Dicembru, 2015 li biha sabet lill-imputat, llum l-appellant, hati u kkundannatu gimghatejn detenzjoni;

Rat ir-rikors tal-appell ta' Tarquin Vella, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-16 ta' Dicembru, 2015 li permezz tieghu talab lil din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza fuq indikata tal-4 ta' Dicembru, 2015 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura billi tilliberah minnha u fin-nuqqas taghti sentenza [*recte*: piena] aktar ekwa u gusta;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Rat ukoll in-nota kongunta tal-appellant u tal-parte civile bid-data tal-21 t'April, 2017 li permezz taghha iddikjaraw illi l-ammont dovut mill-appellant bhala manteniment ghal-perjodu msemmi fic-citazzjoni thallas fil-mori tal-appell;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-appellant hassu aggravat mis-sentenza appellata u ressaq il-gravami singolari illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-fatti ghaliex huwa kien fl-impossibilita' li jhallas il-manteniment minnu dovut peress illi ma jahdimx u ma ghandux dhul sufficjenti.

B'mod sussidjarju, l-appellant jillanja l-piena erogata mill-ewwel Qorti bl-argument li mhix wahda ekwa u gusta;

2. Din il-Qorti semghet lill-parte civile tixhed illi minkejja li l-appellant huwa ordnat ihallas fuq bazi mensili l-ammont ta' tlett mija u hamsin euro bhala manteniment huwa ma hallasx ghax-xahar ta' Gunju tas-sena 2015. Mistoqsija mill-Qorti jekk inghatax raguni ghal dan in-nuqqas, l-parte civile tghid illi l-appellant dejjem iressaq xi skuza fosthom li ma jkunx qabad il-paga jew ghax ma jkollux impjieg. Ikkonfermat ukoll illi l-appellant kien inkarcerat diversi drabi minhabba sentenzi ohra fuq l-istess mertu ghal-perjodi differenti u ma tiftakarx jekk meta kien dovut dan il-manteniment kienx inkarcerat jew le;

3. L-appellant xehed illi f'Gunju 2015 kien jinsab il-habs u kien ilu hemm minn April ta' dik is-sena. Anke meta xehed quddiem din il-Qorti, fis-6 t'April 2017, huwa kien jinsab inkarcerat mis-7 ta' Marzu. Huwa kkonferma illi kien wieghed li ser ihallas dan il-manteniment [fil-mori ta' dan l-appell] izda n-numru tal-kont tal-bank li inghata tal-parte civile ma kienx korrett. Minkejja dan, ma ttentax ihallas b'xi forma ohra ghaliex, skond hu, dejjem jinqala l-inkwiet meta jiltaqghu l-ghassa;

4. L-appellant *ex admissis* jghid illi dan il-manteniment huwa dovut u ghalhekk ikun inutili ghal din il-Qorti tindaga aktar minn hekk dwar dan il-fatt. Ic-cirkostanza li huwa jinsab minghajr impjieg ghaliex ikun inkarcerat fuq kawzi simili ma huwa ta' ebda soljev ghalih la darba hemm in vigore ordni tal-Qorti in rigward. Minkejja li l-appellant jghid li kien fl-impossibilita' li jhallas dan il-manteniment huwa ma offra ebda spjegazzjoni plawsibbli biex jikwalifika din l-impossibilita' hlief li qed jkun inkarcerat proprju minhabba sejbien ta' htija f'kawzi konsimili. Fil-mori tal-appell, l-appellant kellu impjieg izda ma vversax dan il-manteniment ghaliex, skond hu, n-numru tal-kont tal-bank li taghtu l-kwerelanta ma kienx tajjeb. Minkejja dan,

ma ghamel xejn biex jghaddi l-flus dovuti ghall-manteniment tal-wild tieghu b'xi forma ohra u ghalhekk din il-Qorti ma tara ebda raguni ghaliex ghandha b'xi mod tahseb li l-ewwel Qorti ma setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha;

5. Subordinatament, l-appellant jilmenta mill-piena erogata mill-ewwel Qorti. Irid jinghad in rigward illi huwa palezament akkolt fil-gurisprudenza illi din il-Qorti, *qua* Qorti tal-Appell, ma tiddisturbax id-diskrezzjoni ezercitata mill-Qorti tal-ewwel grad kwantu il-piena kominata sakemm din ma tkunx barra mill-parametri tal-ligi. Tajjeb li jinzamm fil-mira ukoll illi l-ordnijiet tal-Qorti, f'dan il-kaz il-Qorti tal-Familja li ordnat il-hlas tal-manteniment ghall-ghixien tal-wild, ghandhom ikunu rispettati skrupolozament u ghalhekk in mankanza ghandha tinghata dik il-piena kalibrata skond ic-cirkostanzi u l-fatti in ispeci;

6. Dan konvenut, din il-Qorti izda, u naturalment, tqis bhala pozittiv l-fatt illi, anke jekk wara trapass ta' tnejn u ghoxrin xahar, l-appellant hallas il-manteniment minnu dovut u dan kif jemergi minn nota kongunta esebita in atti fil-mori tad-differiment. Kif invarjabilment mxiet din il-Qorti f'cirkostanzi konsimili, jitqies raggunt l-iskop tal-legislatur kif ravvizat fl-artikolu 338(z) tal-Kodici Kriminali. Kunsidrati l-fatti minn din l-ottika, din il-Qorti ser tghaddi biex takkolji dan l-aggravju;

7. Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-Qorti qed tichad l-ewwel talba ghar-revoka tas-sentenza appellata filwaqt illi tilqa' t-talba ghar-riforma taghha u konsegwentement tikkonfermaha f'dik il-parti li biha sabet lill-appellant hati tal-imputazzjoni dedotta kontra tieghu, thassarha f'dik il-parti li biha ikkundannatu ghal-terminu ta' gimghatejn detenzjoni u minflok tikkundannah ghall-twiddiba.

I

Giovanni Grixti

Imhallef